**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 57/2016**

**J. Zammit Limited (C37945)**

**vs**

**Christopher Sammut (I.D. 538772M)**

**Illum, 14 ta' Frar 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjetà attriċi li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas:

> s-somma ta' sitt t'elef tlett mija disgha u tmenin (€6,389) ewro rapprezentanti bilanc dovut ghall-bejgh ta' vettura tat-tip Volkswagen Passat (kopja tal-ftehim immarkat JZ1).
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mill-14 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ma sar ebda bejgh ta' vettura Volkswagen Passat mis-socjetà attrici lill-konvenut, u dan stante li kien ftehim ta' "hire-purchase" fejn il-bejgh ma avverax ruhu;

2. Illi t-talbiet attrici huma kontestati fil-fatt u fid-dritt fejn ma hemm ebda somma dovuta lis-socjetà J. Zammit Limited u li kien dovut huwa saldat, ai termini tal-ftehim gja anness bhala dok JZ1 mal-avviz tat-talba, u dan kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza;

3. Illi l-konvenut jinforma l-Qorti li dak li qieghed jintalab mis-socjetà attrici m'hu xejn anqas minn ingann u arrikkiment ingust, u li ftehim kien gja milhuq fuq il-principju ta' l-artikolu 993 u 994 tal-Kap 16 u wkoll ai termini tal-artikolu 4(b) tal-ftehim dok JZ1, fejn il-vettura mertu tal-kawza targata DBV 426, giet mehuda u konsenjata lura lis-socjetà J. Zammit Limited u dan a saldu tal-pretensjonijiet tal-istess socjetà attrici;

4. Illi l-Qorti ta' min japprezza li entro sena l-vettura inxtrat ghas-somma ta' Ewros 13,000 (dan fis-17 ta' Mejju 2012) u giet mehuda lura mis-socjetà attrici fejn oltre dan kollu m'hux biss il-konvenut ikkonsenja lura l-vettura mertu tal-kawza f'nofs is-sena 2013, izda kien ghamel pagamenti regolari li jammontaw ghal Ewros 3,025 tul dan il-perjodu ta' circa 11-il xahar kif ukoll is-socjetà attrici ghad ghandha fil-pussess taghha d-depositu ta' Eur 5,000 li l-konvenut kien ghadda fuq

il-ftehim tas-17 ta' Mejju 2012 u dan minkejja li ghazlet li tiehu lura l-vettura, u dan jidher anke mill-ircevuti hawn annessi bhala dok CS1 sa Dok CS9 inkluzi;

5. Illi ghalhekk altru li l-ftehim gie saldat billi l-konvenut ghadda lura l-vettura lis-socjetà attrici u dana peress li l-konvenut kien spicca l-habs u ma kellu ebda bzonn li jkollu vettura. Illi hawnhekk si tratta ta' ftehim fejn il-kreditur (f'dan il-kaz is-socjetà attrici) ibbenefikat billi hadet lura il-vettura targata DBV 426 u dan skont klawsola 4 tal-ftehim dok JZ1;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, zgur u certament ma' jista' jiddekorri ebda imghax fuq il-ftehim u ma jista' jiddekorri ebda imghax minghajr intavolar ta' ittra gudizzjarja.

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, zgur u certament li kwalunkwe imghax li tista' takkorda din il-Qorti ma jistax ikun imghax kummercjali, stante li dan ma kienx ftehim kummercjali izda ftehim bejn konsumatur u kummercjant.

Bl-ispejjez u b'riserva ta'kull dritt u azzjoni fil-ligi, inkluz li l-konvenut jitlob lura d-depositu li kien thallas minnu fuq il-ftehim tas-17 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' somma ta' sitt t'elef, tlett mija, disgha u tmenin (€6,389) ewro rapprezentanti bilanc dovut ghall-bejgh ta' vettura. L-intimat jeccepixxi li (a) ma kienx hemm bejgh izda kuntratt ta' hire-purchase, (b) t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont dovut gie saldat, (c) u tammonta ghal arrikkement ingust stante li r-rikorrent ha lura l-vettura, (d) dan meta l-intimat kien diga hallas l-ammont ta' tmint elef u hamsa u ghoxrin Ewro, (e) ma jistax jiddekorri imghax minghajr interpellanza gudizzjarja u (f) ma jistax jiddekorri imghax kummercjali stante li din hija transazzjoni bejn kummercjant u konsumatur.

Illi kif inhu ben saput il-principji li jirregolaw kawza huma primarjament dawk applikabbli ghall-premessi li fuqhom tkun imsejsa l-istess kawza u limitatament imbaghad dawk applikabbli ghall-eccezzjonijiet. Il-kawza in ezami hija msejsa fuq kawzali ta' bejgh ta' vettura. L-intimat jeccepixxa li ma kienx hemm kuntratt ta' bejgh izda kuntratt ta' hire-purchase.

Illi mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti stess u senjatament JZ1 u JZ2 jirrizulta li fil-fatt il-partijiet ghamlu kuntratt ta' hire purchase u mhux kuntratt ta' bejgh, minn liema kuntratt jirrizulta fic-car illi l-proprjetà tal-vettura ma kinitx se tghaddi ghand l-intimat qabel ma jsir l-ahhar pagament dovut u s-sid tal-vettura baqghet is-socjeta rikorrenti.

Illi s-socjeta rikorrenti tghid illi hija hadet lura l-vettura u dan kif kellha jedd li taghmel ukoll skond l-istess kuntratt. Ir-rapprezentant taghha, li xehed diversi drabi, jixhed li meta ra l-vettura kienet tidher li kellha l-hsara u kienet imxarrba kemm minn gewwa kif ukoll minn barra. Jghid ukoll li ma kinitx f'posizzjoni li tinsaq u ghalhekk kellha tigi migbuda minn vettura tat-towing. Illi ghalhekk huwa kellu jkun jaf, fil-mument li ha pussess tal-vettura, li l-vettura kellha l-hsara. Mhux biss izda wara li saru testijiet fuqha rrizulta li l-vettura kellha diversi hsarat u skond l-istess rapprezentant kienet "beyond reasonable repair". Dan nonostante ir-rikorrenti zammet il-vettura, mhux biss izda trasferiet l-istess vettura f'isimha.

Illi l-intimat jeccepixxi illi s-socjetà rikorrenti ma setetx tiehu pussess tal-vettura u fl-istess waqt titlob il-hlasijiet skont il-kuntratt, u dan kif fil-fatt ghamlet. Illi dan huwa l-principju applikabbli f'kazijiet bhal dawn. Is-socjetà rikorrenti kellha fil-fatt taghzel hux se tkompli taghti effett lill-kuntratt pendenti bejn il-partijiet u tezigi l-kumplament tal-hlas dovut jew inkella hux se tiehu lura l-pussess tal-vettura u tirrinunzja ghall-hlasijiet li kienu ghadhom dovuti, u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha li jistghu jirrizultaw mill-ftehim bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti ma setetx tibbenefika miz-zewg sitwazzjonijiet ghad-detriment tal-intimat. Ladarba ghazlet li tiehu lura l-vettura ma tistax titlob ukoll il-kumplament tal-hlasijiet li altrimenti kienu jkunu dovuti mill-intimat. Dan kif diga gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna.

Illi l-intimat jeccepixxi wkoll illi huwa kien diga ghamel diversi pagamenti, ammontanti ghal tmint'elef u hamsa u ghoxrin Ewro u gab prova tal-istess. Is-socjeta rikorrenti ma kkontestatx li fil-fatt saru tali hlasijiet. Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm l-intimat ma hallasx l-ammont kollu dovut, fil-fatt hallas ammont qawwi minnu. Is-socjetà rikorrenti qed titlob is-somma ta' sitt t'elef tlett mija disgha u tmenin

Ewro (€6,389), u l-imghax kummercjali. Dan meta l-prezz miftiehem kien ta' tlettax il-elf Ewro. Jigifieri hemm ukoll diskrepanza fil-bilanc mitlub stante li l-bilanc bejn dak li kien diga thallas u l-prezz miftiehem huwa ta' erbat elef, disa' mija u hamsa u sebghin Ewro (€4,975).

Kif inhu ben saput il-pagamenti rateali normalment ikun fihom parti kapital u parti interessi u ghalhekk jidher illi l-ammont mitlub jinkludi parti interessi fuq interessi. Minkejja din l-eccezzjoni r-rikorrenti baqghet tinsisti ghall-ammont shih mitlub.

L-intimat eccepixxa wkoll illi qatt ma gie interpellat sabiex ihallas imghaxijiet fuq l-ammont li kien ghadu dovut u ghalhekk l-imghax ma jistax jiddekorri kontra tieghu u se mai lanqas jista' jiddekorri imghax kummercjali stante li huwa konsumatur u mhux kummercjant. Illi meta transazzjoni hija bejn partijiet li wahda minnhom tkun konsumatur ghandha tintbaghat ittra ufficjali sabiex jibda jiddekorri l-imghax u l-imghax jiddekorri mid-data ta' dik l-ittra. Fil-kaz odjern ma ngabet l-ebda prova li ntbaghtet tali interpellazzjoni. Ghalhekk l-imghax ma jistax jibda jiddekorri, apparti l-fatt li l-imghax kien diga mahsub fil-pagamenti rateali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur